MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 59/2012

Go PLC

Vs

Wayne Caruana

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Jannar, 2012 fejn is-socjeta' attrici qalet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u wiehed u ghoxrin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€421.22) skont prospett, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi, numru tal-kont *AC40156891* moghtija mis-Socjeta' attrici. Il-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe mill-11 ta' Settembru 2010 kontra l-konvenut.

Illi b'risposta pprezentata fil-11 ta' Jannar, 2013 illi l-pretenzjoni tal-attur hija nfondata fil-fatt fid-dritt.
Xehdet Ruth Debono li ppezentat id-dokumenti u spjegat il-kont.

Illi l-konvenut minkejja li nghata diversi okkazzjonijiet sabiex iressaq il-provi tieghu dan naqas milli jaghmel dan u b'dan l-agir it-Tribunal jiehu l-impressjoni illi l-konvenut qed jaccetta t-talbiet kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u wiehed u ghoxrin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€421.22) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------